*-giljottina – kontumaċja*

**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**ILLUM, 29 T'APRIL 2021.**

**Rikors Nru. 913/2020GM**

**Pullicin ConBricks Limited (C 91893)**

**vs**

**Stronghold Construction Ltd. (C 88607)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Ġuramentat ta' Pullicin ConBricks Limited (C 91893) li permezz tiegħu wara li ppremettiet illi :

1. Is-soċjeta` konvenuta tinsab debitriċi tas-soċjeta` attriċi fis-somma ta' tlieta u għoxrin elf erba' mija u sbatax-il ewro u sebgħa u ħamsin ċenteżmu (€23,417.57) rappreżentanti prezz ta' bejgħ ta' concrete u bricks u materjal kif ukoll kirjiet ta' concrete pump u servizzi relatati li baqgħu ma tħallsux, liema dejn hu ċert, likwidu u dovut. Kopja ta' statement hawn meħmuż u markat Dok. B.

2. Nonostante illi ġiet interpellata sabiex tħallas, is-soċjeta` konvenuta baqgħet inadempjenti.

3. Is-soċjeta` konvenuta m'għandhiex eċċezzjonijiet xi tressaq kontra t-talbiet attriċi.

Talbet lil din il-Qorti sabiex:

1. Tiddispensa mis-smigħ tal-kawża ai termini tal-Artikoli 167-170 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

2. Tikkundanna lis-soċjeta` konvenuta tħallas lill-atturi s-somma ta' tlieta u għoxrin elf erba' mija u sbatax-il ewro u sebgħa u ħamsin ċenteżmu (€23,417.57) rappreżentanti prezz ta` bejgħ ta' concrete u bricks u materjal kif ukoll kirjiet ta' concrete pump u servizzi relatati li baqgħu ma tħallsux.

Bl-imgħax skont l-liġi sad-data ta1-effettiv pagament u b1-ispejjeż inklużi dawk tal-ittra uffiċjali datata 5 ta' Frar 2020, u tal-mandat ta' sekwestru ppreżentat magħha u tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju illi qed jiġu ppreżentati kontestwalment kontra s-soċjeta` konvenuta.

Rat id-digriet tagħha tat-3 ta' Mejju 2018, fejn wara li rat l-artikoli 167 et seq tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, appuntat il-kawża għas-seduta tas-27 t'Ottubru 2020.

Rat illi wara diversi attentati, is-soċjetà konvenuta ġiet debitament notifikata bir-Rikors Maħluf bil-mezz tal-affissjoni u pubblikazzjoni.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-lum imnejn jirriżulta li ma deher ħadd biex jirrappreżentaha u ma deher ħadd biex jassistiha.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Semgħet ix-xhieda ta' Dylan Pullicino, rappreżentant tas-soċjetà attriċi li

kkonferma li mid-data li ġie intavolat ir-Rikors Maħluf, saru xi pagamenti.

Rat in-nota ppreżentata waqt is-seduta tal-lum stess li permezz tagħha, in vista tal-istess pagamenti, l-ammont mitlub ġie ridott għal €11,874 bl-imgħax mis-27 t'April 2021.

**Decide**

Għaldaqtant għar-raġunijiet fuq premessi, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża kif ġej:

1. Tilqa' l-ewwel talba billi tiddispensa mis-smigħ tal-kawża ai termini tal-Artikoli 167-170 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.
2. Tilqa' t-tieni talba kif ridotta billi tikkundanna lis-soċjeta` konvenuta tħallas lill-atturi s-somma ta' €11,874 rappreżentanti prezz ta` bejgħ ta' concrete u bricks u materjal kif ukoll kirjiet ta' concrete pump u servizzi relatati li baqgħu ma tħallsux.

Bl-imgħax skont l-liġi mil-lum sad-data ta1-effettiv pagament u b1-ispejjeż inklużi dawk tal-ittra uffiċjali datata 5 ta' Frar 2020, u tal-mandat ta' sekwestru ppreżentat magħha u tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju ppreżentati kontestwalment ma' din il-kawża kontra s-soċjeta` konvenuta.

Moqrija

ONOR. IMĦALLEF

GRAZIO MERCIECA